

31997R0123

24.1.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 22/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE)**Nru 123/97 tat-23 ta' Jannar 1997****li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-orijini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-orijini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 (2) tiegħu,Billi kien ġie mitlub tagħrif addizzjonali li jirrigwarda ċerti ismijiet innotifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 sabiex jiġi żgurat illi jħarsu l-Artikoli 2 sa 4 ta' dan ir-Regolament; billi dan it-tagħrif addizzjonali juri illi l-ismijiet iħarsu l-Artikoli msemmija; billi għalhekk għandhom jiġu rreġistrati u miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/96 ⁽²⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1263/96 ⁽³⁾;

Billi, wara l-ażżjoni ta' tliet Stati Membri ġodda, il-perjodu taż-żmien ta' sitt xhur ipprovdut fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 irid jibda fid-data ta' l-ażżjoni

tagħhom; billi wħud mill-ismijiet innotifikati minn dawn l-Istati Membri jħarsu l-Artikoli 2 sa 4 ta' dan ir-Regolament u għandhom għalhekk jiġu rreġistrati;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-Denominazzjonijiet ta' l-Orijini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Jannar 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU Nru L 208, ta' l-24. 7. 1992, p. 1.⁽²⁾ ĠU Nru L 148, tal-21. 6. 1996, p. 1.⁽³⁾ ĠUNru L 163, tat-2. 7. 1996, p. 19.

ANNEX

A. **IL-PRODOTTI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM ELENKATI FL-ANNEX II MAT-TRATTAT****Prodotti bbażati fuq il-laħam**

IL-ĠERMANJA

- *Ammerlaender Dielenrauchschinken/Ammerlaender Katenschinken* (IĠP)
- *Ammerlaender Schinken/Ammerlaender Knoenschinken* (IĠP)
- *Schwarzwäelder Schinken* (IĠP)

Il-Ġobnijiet

IL-ĠERMANJA

- *Allgäuer Bergkäse* (DPO)
- *Allgäuer Emmentaler* (DPO) ⁽¹⁾
- *Altenburger Ziegenkäse* (DPO)

L-AWSTRJA

- *Gailtaler Almkäse* (DPO)

Iż-Żejt taż-żebbuġa

L-ITALJA

- *Riviera Ligure* (DPO)

Il-Frott, il-ħaxix ta' l-ikel u ċ-ċereali

IL-GREĊJA

- *Iċ-Ċirasa*
Κεράσια τραγανά Ροδοχωρίου (Il-Kerasia Tragana Rodochoriou) (OEM)
- *Iż-Żebbuġ tal-Mejda*
Κονσερβολιά Πηλίου Βόλου (Il-Konservolia Piliou Volou) (OEM) ⁽²⁾

IL-FINLANDJA

- *Il-Patata*
Lapin Puikula (DPO)

Il-ħut frisk, il-molluski u l-krustaċċi u l-prodotti dderivati minnhom

IR-RENJU UNIT

- *Gajdri Whitstable* (IĠP)

B. **L-OĠĠETTI TA' L-IKEL ELENKATI FL-ANNEX I MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92****Il-Ħobż, l-għaġina, il-kejkiġiet, l-oġġetti tal-ħelu, il-gallettini u oġġetti oħra tal-furnar għall-bejgħ**

IL-ĠERMANJA

- *Aachener Printen* (IĠP)

Il-Gomma u r-reżina naturali

IL-GREĊJA

- *Τσίικλα Χίου (Iż-Tsikla Chiou)* (OEM)
- *Μαστίχα Χίου (Il-Masticha Chiou)* (OEM)

C. **IL-PRODOTTI AGRIKOLI ELENKATI FL-ANNEX II MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92****Iż-Żjut essenzjali**

IL-GREĊJA

- *Iż-Żejt mastiku*
Μαστιχέλαιο Χίου (Mastichelaio Chiou) (OEM)

⁽¹⁾ Mhix imfittxa l-protezzjoni għall-isem 'Emmentaler'.

⁽²⁾ Il-protezzjoni ta' (piliu) mhijiex imfittxa